



Brussell, 21 ta' Awwissu 2023
(OR. en)

12383/23

**AGRI 467
AGRIFIN 97
AGRISTR 41
AGRILEG 160
AGRIORG 94
DELACT 110**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 5365 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 10.8.2023 dwar miżuri temporanji ta' emerġenza li jidderogaw fir-rigward tas-sena 2023 minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jissolvew problemi spċifici fis-setturi tal-frott u l-ħnejjex ikkawżati minn avvenimenti meteoroloġiċi avversi u miżuri marbuta magħhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 5365 final.

Mehmuż: C(2023) 5365 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.8.2023
C(2023) 5365 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.8.2023

**dwar miżuri temporanji ta' emerġenza li jidderogaw fir-rigward tas-sena 2023 minn
ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 li
jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex
jissolvew problemi speċifiċi fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex ikkawżati minn avvenimenti
meteoroloġiċi avversi u miżuri marbuta magħhom**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, jistabbilixxi regoli dwar l-interventi settorjali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex. Dan ir-Regolament jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni.

Abbażi ta' din is-setgħa, il-Kummissjoni adottat, fost l-oħrajn, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021.

Meta wieħed iqis l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi li seħħew f'diversi reġjuni tal-Istati Membri fir-rebbiegħa tal-2023, il-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex saritilha ħsara drammatika. Fi Spanja, il-produzzjoni ppjanata fir-reġjun tal-Katalonja tnaqqset b'mill-inqas 50 % minħabba sitwazzjoni ta' nixfa, filwaqt li l-produzzjoni fir-reġjun tal-Emilia-Romagna fl-Italja nqedet minn għargħar. In-nixfa kellha wkoll impatt serju fuq il-livell ta' produzzjoni u l-kwalità tagħha f'xi reġjuni fi Franzia u fil-Portugall.

Għalhekk, minħabba n-natura bla preċedent tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi tar-rebbiegħa tal-2023, jeħtieġ li jittaffew dawk id-diffikultajiet billi tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 li japplika fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

Meta wieħed iqis in-natura bla preċedent ta' dawk l-avvenimenti, jeħtieġ li jittaffew id-diffikultajiet billi ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2022/126 applikabbli fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

2. KONSULTAZZJONIJET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-konsultazzjonijiet, li jinvolvu esperti mis-27 Stat Membru, twettqu fil-Grupp ta' Esperti fuq l-Implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/2115, b'mod partikolari waqt il-laqgħa tad-29 ta' Ġunju 2023. Din il-laqgħa tat l-opportunità biex jiġu ppreżentati l-ideat tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-att delegat u dwar il-modifiki meħtieġa għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/126, u tat l-opportunità wkoll li jkun hemm skambju ta' opinjonijiet mal-experti.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jidderoga mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tal-“valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata”.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.8.2023

**dwar miżuri temporanji ta' emerġenza li jidderogaw fir-rigward tas-sena 2023 minn
ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 li
jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex
jissolvew problemi speċifiċi fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex ikkawżaati minn avvenimenti
meteoroloġiċi avversi u miżuri marbuta magħhom**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 45, il-punt (c), tiegħu,

- (1) Minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi li seħħew f'diversi reġjuni tal-Istati Membri fir-rebbiegħa tal-2023, il-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex saritilha ħsara drammatika. Fi Spanja, il-produzzjoni ppjanata fir-reġjun tal-Katalonja tnaqqset b'mill-inqas 50 % minħabba sitwazzjoni ta' nixfa, filwaqt li l-produzzjoni fir-reġjun tal-Emilia-Romagna fl-Italja nqedet minn għargħar. In-nixfa kellha wkoll impatt serju fuq il-livell ta' produzzjoni u l-kwalità tagħha f'xi reġjuni fi Franzia u fil-Portugall.
- (2) Minħabba n-natura bla preċedent tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi tar-rebbiegħa tal-2023, jeħtieġ li jittaffew dawk id-diffikultajiet billi tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata stabiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126² li jaapplika fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex.
- (3) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma wkoll vulnerabbi għat-tfixxil u t-taqlib ikkawżaati mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi tar-rebbiegħa tal-2023 u qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji u problemi ta' likwidità kkawżaati mit-tnaqqis jew il-qerda tal-produzzjonijiet tagħhom. Dan qed ikollu impatt dirett fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u fuq il-kapaċitā tagħhom biex jimplimentaw il-programmi operazzjonali mhux biss fis-sena 2023 iżda wkoll fis-snin sussegwenti, minħabba li l-valur tal-produzzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għas-sena 2023 jaffettwa l-kalkolu tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għas-snin sussegwenti. Dan qed ikompli jinfluwenza l-kapaċitā tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jintroduċu miżuri u azzjonijiet li jimmiraw lejn l-effetti ta' din il-kriżi. Barra minn

¹ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal-ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52).

hekk, it-tnaqqis tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata kkawżat mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi jxekkel il-kontinwità u l-vijabbiltà futuri tal-programmi operazzjonali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħnejjex.

- (4) It-telf fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fis-settur tal-frott u l-ħnejjex ikkawżat mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi għandu t-tendenza li jkollu impatt kbir fuq l-ammont ta' ġħajnuna tal-Unjoni li jircieu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-sena sussegwenti, billi l-ammont ta' ġħajnuna tal-Unjoni jrid jiġi kkalkulat bħala percēntwal tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi. Jekk iseħħi telf sostanzjali fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fl-2023, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jirriskjaw li jitilfu r-rikonoximent tagħhom bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi, peress li wieħed mill-kriterji għat-teli r-rikonoximent huwa li jilħqu ċertu valur minimu ta' produzzjoni kkummerċjalizzata stabbilit f'livell nazzjonali. Dan ipoġġi f'riskju l-istabbiltà fit-tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għalhekk, jekk ikun hemm tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-valur ta' prodott fis-sena 2023 ikkawżat mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi tar-rebbiegħa tal-2023, u jekk dan iseħħi minħabba raġunijiet mhux relatati mar-responsabbiltà u l-kontroll tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jenħtieġ li l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-2023 jiġi stabbilit bħala 100 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-medja tal-ħames perjodi ta' referenza preċedenti ta' 12-il xahar eskuži l-inqas u l-ogħla valuri, biex jiġi kkumpensat dak it-telf.
- (5) Fid-dawl tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħi fil-jum tal-publikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga temporanja mir-Regolament Delegat (UE) 2022/126

B'deroga mill-Artikolu 32(3), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/126, meta jkun seħħi tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-valur ta' prodott minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023 minħabba raġunijiet mhux relatati mar-responsabbiltà u l-kontroll tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, tal-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' dak il-prodott fl-2023 għandu jitqies li jirrappreżenta 100 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-medja tal-ħames perjodi preċedenti ta' referenza ta' 12-il xahar, eskuži l-inqas u l-ogħla valuri.

L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha turi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li l-kundizzjonijiet tal-ewwel subparagraphu huma ssodisfati.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħi

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-publikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.8.2023

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*